MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2010

Numru. 890/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**George Vella ta' 36 sena iben Spiridione u Emanuela nee' Farrugia, imwieled Pieta' fl-4 ta' Gunju 1974 residenti fil-fond numru 2 Tarag it-Tarznari l-Antiki, Blokk 2, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 295674 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Vella li gie akkuzat talli f'Rahal il-Gdid nhar il-14 ta' Jannar 2004 flimkien ma' persuna ohra ikkometta serq ta' flus kontanti u diversi oggetti ohra mill-fond Missouri, numru 13, Flat 2, sitwat fi Triq San Gorg, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jecceddi il-€233 (mitt lira Maltin) izda inqas minn €2330 (elf lira Maltin) u bil-lok u li sehh ghad-detriment ta' Anthony Brincat.

Akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U finalment gie akkuzat ukoll talli kiser il-provvedimenti ta'l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat A. Mizzi LL.D., nhar is-17 ta' Gunju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-18 ta' Settembru 2008, sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'serq minn fond gewwa Rahal il-Gdid u dana a detriment ta' Anthony Brincat li jirrisjedi f'dana il-fond. Jidher illi l-imputat qieghed jigi akkuzat illi ikkometta dina s-serqa flimkien ma' persuna ohra, liema persuna madanakollu baqghet ma gietx indikata fl-*iter* processwali ta' dina l-kawza.

Mill-provi akkwizti il-perm tal-prova li fuqha il-prosekuzzjoni qed tibni l-kaz taghha kontra l-imputat hija it-tieni stqarrija minnu rilaxxjata u dana fil-15 ta' Settembru 2008[1] u cioe' 'il fuq minn erba' snin wara il-kummissjoni ta' dana ir-reat. Dana sehh peress illi fl-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputat ftit zmien wara u cioe' fit-30 ta' Gunju 2005[2], huwa cahad l-involviment tieghu fil-kummissjoni ta' dana r-reat. Minhabba f'dan, il-pulizija kellha tkompli bl-investigazzjonijiet taghha u dana billi tara jekk il-provi cirkostanzjali li kien hemm kenux bizzejjed

[1] Ara Dokument MM2 a fol. 36 et. Seq.
[2] Ara Dokument MM1 a fol.34 et seq.

biex jippuntaw subghajhom lejn l-imputat. Ghal dana l-ghan fl-atti ta'l-Inkjesta Magisterjali gie nominat espert sabiex jaghmel ezami komparattiv ta'l-impronti digitali li instabu fuq ix-xena tar-reat ma' dawk ta'l-imputat George Vella. Giet nominata bhala espert il-PL Juliana Scerri Ferrante li fir-rapport taghha waslet ghal konkluzjoni illi l-marki tas-swaba misjuba fuq il-post, li kienu essenzjalment tlieta[3] ma kenux jaqblu ma' dawk ta'l-imputat. Illi madanakollu jidher illi l-Avukat Generali ma kienx kuntent b'dawn il-konkluzjonijiet u ghalhekk talab lill-Magistrat Inkwirenti sabiex jigi nominat espert iehor sabiex jaghmel l-analizi mehtiega permezz ta' metodu differenti. Fil-fatt fil-21 ta' Frar 2007 gie nominat bhala espert tal-marki tas-swaba Joseph Mallia li ipprezenta r-rapport tieghu (liema rapport gie ikkonfermat quddiem dina l-Qorti), fejn huwa wasal ghal konkluzjoni illi kien hemm impronti wahda u cioe' dik bin-numru 04 ADF 303 li kienet taqbel mal-marka tas-saba l-kbir ta'l-id il-leminija ta' George Vella u cioe' ta'l-imputat odjern[4] u dana b'*14 points of comparison*. Mir-rapport tal-ufficjali tax-xena tar-reat jidher illi dina l-marka tas-swaba giet elevata minn fuq il-genb tal-landa fejn kienu il-flus li gew misruqa[5]. Illi in segwitu ghal dana ir-rapport ghalhekk l-imputat rega' gie interrogat mill-pulizija u irrilaxxja stqarrija ohra esebita bhala Dokument MM2 fl-atti ta' dina l-kawza fejn hemmhekk l-imputat ammetta l-involviment tieghu f'dina is-serqa u anke indika huwa stess lill-pulizija il-post fejn sehh ir-reat.[6]

Illi b'dawn il-provi f'idejh, imbaghad l-ufficjal investigattiv iddecieda li kellhom jittiehdu il-proceduri odjerni fil-konfront ta'l-imputat.

Ikkunsidrat,

---

[3] Ara rapport tal-espert PS 36 Sergio Azzopardi u PC186 Kristian Mintoff – fol.24 tal-proces verbal
Dokument PV a fol.22

[4] Ara rapport a fol.56 sa 70 tal-proces verbal Dokument Pv a fol.22

[5] Ara fol.26 tal-proces verbal Dokument PV a fol.22

[6] Ara xhieda ta' PS 90 Jeffrey Gerada a fol.38 et. seq. u PC 1247 Noel Massa a fol.41 et.seq.

Illi mill-provi akkwiziti tirrizulta l-ammissjoni totali u inkundizzjonata ta'l-imputat ghall-involviment tieghu fil-kummissjoni ta' dina is-serqa. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Richard Borg deciza fit-18 ta' Settembru 2002 gie deciz:

***"Hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu.(Art. 658 Kap.9)"***

Illi l-Qorti ghalhekk tista' tistrieh fuq dina l-ammissjoni maghmula mill-imputat li saret b'mod inkundizzjonata minnu. Di piu' l-imputat stess kien wassal lill-ufficjal tal-pulizija huwa stess fuq ix-xena tar-reat u indika sahansitra l-metodu kif hu u dina il-persuna l-ohra mhux maghrufa accedew ghal fond ta' Anthony Brincat u anke indika l-oggetti li gew mehuda minnhom minn dana l-fond.

Illi f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Calleja deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Marzu 2002 inghad:

**"*Il-fatt li persuna suspettata tittiehed fuq il-post tar-reat hu metodu legali u perfettament in ordine f'kazijiet fejn il-persuna suspettata li jkunu instabu impronti digitali taghha fuq il-post tal-allegat delitt tittiehed hemm u tigi mistoqsija jekk fil-fatt qatt kienetx dahlet hemm.*"**

Illi sabiex tigi msahha dina l-istqarrija ta'l-imputat, l-Qorti ghandha wkoll provi cirkostanzjali konsistenti fl-impronti digitali li mhux biss instabet fuq ix-xena tar-reat, izda sahansitra instabet fuq il-bott jew landa fejn kienu mizmuma il-flus li gew misruqa. Illi l-espert Joseph Mallia jindika sahansitra *14 points of comparison* ma'l-impronti digitali tas-suba ta' l-imputat li huma bizzejjed sabiex

jikkonvincu lil dina l-Qorti illi kien proprju l-imputat li kien involut fil-kummissjoni tar-reat li bih jinstab akkuzat.

"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 ***"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."***

(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)

Illi ukoll fil-kawza Il-Pulizija vs Vincent Calleja iktar 'il fuq iccitata jinghad:

***"Il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"point ofcomparison."***

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tas-serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok. Illi ghar-rigward ta'l-aggravju tas-serq ma hemmx dubbju illi l-imputat u l-persuna l-ohra injota accedew fil-fond in kwistjoni billi kissru tieqa li tinstab fil-komun tal-blokk ta'l-appartamenti fejn jirrisjedi Brincat li minnha imbaghad setghu[7] jaccedu ghal terrazzin li kien jaghti ghal kamra tas-sodda tal-fond. Ghaldaqstant

[7] Ara rapport ta'l-espert Vincent Ciliberti Dokument Pv a fol. 6 sa 12

l-aggravju tal-mezz a tenur ta'l-artikolu 263(a) jirrizulta ippruvat. Illi l-aggravju tal-valur ai termini ta'l-artikolu 267 ukoll gie ampjament ippruvat billi mix-xhieda tad-derubat jirrizulta illi l-oggetti misruqa u cioe' arlogg, choker u flus kontanti kienu jeccedu il-valur ta' Lm100 jew €234. Fil-fatt Anthony Brincat jixhed illi insterqu madwar Lm150 fi flus kontanti, arlogg tal-marka Sector li kien jiswa Lm300 kif ukoll choker tad-deheb li kien jiswa Lm400. Illi finalment l-aggravju tal-lok ukoll jirrizulta ippruvat u dan a tenur ta'l-artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment ghalkemm jirrizulta mit-tieni stqarrija rilaxxjata mill-imputat (Dokument MM2) illi l-imputat ma kienx wahdu meta ikkometta dana ir-reat, u li dina l-persuna l-ohra baqghet ma gietx identifikata, madanakollu kif tistabilixxi l-ligi fl-artikolu 43 l-awtur u il-komplici fil-kummissjoni ta' reat jehlu l-istess piena.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll li huwa recidiv, kif ukoll illi kiser il-provvedimenti ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 imposta fuqu permezz ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati fis-17 ta' Gunju 2003. Illi ghar-rigward ta' dawn l-ahhar zewg akkuzi, l-Qorti tosserva illi ghalkemm il-fedina penali ta'l-imputat tirrifletti dana, madanakollu l-proskezzjoni naqset milli tressaq l-ahjar prova ghar-rigward ta' dawn iz-zewg akkuzi. Fil-fatt l-ebda sentenza ma giet esebita fl-atti tal-kawza u debitament ikkonfermati mill-ufficjali li mexxew il-prosekuzzjoni fl-istess. Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti tosserva illi ghalkemm l-akkuza tar-recidiva ma gietx ippruvata, madanakollu mill-fedina penali ta'l-imputat jidher illi l-imputat ghandu karattru refrattarju u li diga inghata opportunita minn dina l-Qorti sabiex jirriforma ruhu. Kwindi l-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), 278(2), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ahhar zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta’l-ewwel akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta’ disa (9) xhur prigunerija.

Inoltre wara li l-Qorti rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez peritali kollha ghajr ghal dawk ta’l-espert Juliana Scerri Ferrante, li jammontaw ghal Lm309.83 jew €721.71 u dana lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------